



Brussell, 21 ta' April 2021

CM 2792/21

ECOFIN  
UEM  
FIN  
PROCED

### KOMUNIKAZZJONI

#### PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Kuntatt: simona.vecerskyte@consilium.europa.eu

Tel./Fax: +32-2-281 3971

Suġġett: Proposti għal deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jemendaw id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li jagħtu appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lill-Belġju, lil Ċipru, lill-Greċja, lil-Latvja, lil-Litwanja u lil Malta biex jittaffew ir-riskji tal-qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

- Adozzjoni
- Bidu tal-proċedura bil-miktub

Wara d-deċiżjoni li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) ħa fil-21 ta' April 2021 li tintuża l-proċedura bil-miktub<sup>1</sup>, jekk jogħġobkom indikaw jekk taqblux mal-adozzjoni tad-

**Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jemendaw id-Deċiżjonijiet ta'**

**Implimentazzjoni li jagħtu appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lill-Belġju, lil Ċipru, lill-Greċja, lil-Latvja, lil-Litwanja u lil Malta biex jittaffew ir-riskji tal-qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19**, imsemmijin hawn taħt, kif jinsabu, wara r-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, fid-dokumenti li ġejjin:

- (1) DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...ta'... li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1342 li tagħti appoġġ temporanju lir-**Renju tal-Belġju** skont ir-Regolament (UE) 2020/672 biex jittaffew ir-riskji tal-qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (dok. ST 7499/21)

<sup>1</sup> Dok. 7826/21

- (2) DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/... ta' ... li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1344 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-**Repubblika ta' Ċipru** biex jittaffew ir-riskji tal-qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (dok. ST 7498/21)
- (3) DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/... ta' ... li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1346 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-**Repubblika Ellenika** biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (dok. ST 7497/21)
- (4) DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/... ta' ... li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1351 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-**Repubblika tal-Latvja** biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (dok. ST 7495/21)
- (5) DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/... ta' ... li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1350 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-**Repubblika tal-Litwanja** biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (dok. ST 7496/21)
- (6) DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/... ta' ... li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1352 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-**Repubblika ta' Malta** biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (dok. ST 7494/21)

**Għal raġunijiet ta' effiċjenza, f'każijiet fejn id-delegazzjonijiet beħsiebhom jivvutaw bl-istess mod għal kull waħda mis-sitt Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni emendatorji tal-Kunsill elenkati hawn fuq, huma jistgħu jagħżlu li jipprovdu tweġiba waħda biss għas-sitt deċiżjonijiet kollha. F'dak il-każ, id-delegazzjonijiet huma mistiedna jindikaw dan li ġej b'mod ċar fit-tweġiba tagħhom:**

***"Din it-tweġiba (jekk jogħġbokom agħżlu IVA, LE jew ASTENSJONI) tapplika għal kull waħda mis-sitt Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni emendatorji tal-Kunsill elenkati fid-dokument CM 2792/21."***

**F'każijiet fejn id-delegazzjonijiet beħsiebhom jivvutaw b' mod differenti għas-sitt deċiżjonijiet emendatorji msemmija hawn fuq, id-delegazzjonijiet huma mistiedna jipprovdu t-tweġiba tagħhom (IVA, LE jew ASTENSJONI) għal kull waħda mis-sitt Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni emendatorji tal-Kunsill.**

Kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali għandha ssir fl-istess ħin tat-tweġiba għall-mistoqsija, għajr dawk li diġà saru fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti.

It-tweġibiet bil-posta elettronika lil [ecompla.ecpol@consilium.europa.eu](mailto:ecompla.ecpol@consilium.europa.eu) iridu jaslu s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill **sat-15:00 (CEST, ħin ta' Brussell) tal-Ġimgħa, 23 ta' April 2021,** b'kopja lil [simona.vecerskyte@consilium.europa.eu](mailto:simona.vecerskyte@consilium.europa.eu).